# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 31 ta' Jannar, 2018**

**Rikors Numru : 400/2017JPG**

**Kawza Numru : 14**

**Alfred u Liliane, konjugi Attard**
**(ID 146868M) u (ID 71473M)**
**Vs**
**Wayne Chetcuti**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors mahluf ta' Alfred Attard datat 8 ta' Mejju, 2017 (Vide Fol 1 et seqq.), li jaqra hekk:

Bir-rispett jesponu u bil-gurament tieghu Alfred Attard jikkonferma:

*"Illi permezz ta' skrittura provata datata tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012), il-konvenut kien irrikonoxxa u kkostitwixxa ruhu debitur ta' l-atturi fl-ammont cert, likwidu u dovut ta' tnejn u tletin elf, mija u hamsa u hamsin Ewro*

*(€32,155), liema dejn kellu jithallas fi zmien erba' snin u nofs minn dakinhar ta' l-imsemmija skrittura privata, u sa mhux aktar tard minn gimgha minn dakinhar li jiskadi l-istess terminu ta' erba' snin u nofs.*
*Illi z-zmien koncess lill-konvenut ghall-hlas tad-dejn skada, u sallum il-konvenut ghadu ma hallas xejn lill-atturi, minkejja li nterpallat diversi drabi;*

*Illi sa fejn jafu l-atturi, l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talbiet taghhom;*

*Illi l-attur Alfred Attard jiddikjara li jaf bil-fatti suesposti personalment.*

*Ghaldaqstant l-atturi umilment jitolbu lil dina l-Onorabli Qorti joaghgobha:*

*Tilqa' t-talbiet taghhom bid-dispensa tas-smiegh billi jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega mill-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;*

*Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tnejn u tletin elf mija u hamsa u hamsin Ewro (€32,155),*

*U dan previa kull provvediment iehor li lilha jkun jidhrilha xieraq u opportuni.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi, permezz ta' affissjoni fl-24 t'Awissu 2017 (vide dorso t'a fol 12) u permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (vide Fol 18 A) u f'gazzetta lokali (vide a fol 22 tal-process).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi Wayne Chetcuti debitament notifikat, u imsejjah diversi drabi, ma deherx biex jattenta jikkontesta it-talbiet attrici fis-seduta tat- 12 ta' Dicembru 2017 u fis-seduta tal- 31 ta' Jannar 2018.

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru, 2017, l-attur Alfred Attard xehed bil-gurament.

Peress illi fic-cirkostanzi, t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Rat l-Artikoli 167 et seqq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi minkejja li l-intimat gie debitament notifikat permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, hu qatt ma deher quddiem din il-Qorti sabiex jirrispondi ghat-talbiet tal-atturi.

**Billi mill-provi mhux kontradetti, kif jirrizulta mit-testimonjanza guramentata ta' Alfred Attard (vide fol 25 et seqq) u l-iskrittura privata ezebita bhala dokument A (a fol 4), it-talbiet dedotti fir-Rikors Promotur jirrizultaw ipprovati.**

**Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tilqa' t-talbiet tal-atturi bid-dispenza tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et seqq. tal-Kapitolu 12 u;**

**Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-atturi s-somma ta' tnejn u tletin elf, mija u hamsa u hamsin Ewro (€32,155), bl-imghax legali dekoribbli mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat.**

**Bl-ispejjez kontra l-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**